**Laqgha Numru 16/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti tas-Sittax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar il-Hamis 20 ta' Novembru 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-7.00 pm.

Prezenti: Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit kien skuzat.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fl-14 ta' Ottubru 2008. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 15/K6/2008.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 15/K6/2008.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**10. Materji Ohra**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 15/K6/2008.

1.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li kienet iddispjacuta li bhala Kunsillier la hija u lanqas il-Kunsilliera l-ohra ma kienu nfurmati li l-Pulizija kienet qed taghmel investigazzjoni vis-a-vis il-kwotazzjonijiet tat-tindif ta' l-ufficcju amministrattiv. Il-kelliema qalet li ghalkemm hija thoss li m'hemm ebda lok t'investigazzjoni xorta wahda kien ikun tajjeb li l-membri tal-Kunsill ikunu nfurmati b'dak li jkun ghaddej. Il-kelliema talbet li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jaghmel dikjarazzjoni guramentata sabiex jinforma lill-Kunsill bid-dokumenti li gew provduti lill-Pulizija u dan fid-dawl li l-Pulizija nghataw kopja ta' Minuti tal-Kunsill li kienu ghadhom ma gewx approvati.

1.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dlonk wara li telqu l-Pulizija huwa kien ghamel rapport lill-Kunsill b'riferenza ghal kull dokument li kien ingabar. Il-kelliem qal li l-Pulizija kienu gew infurmati li l-Minuti kienu ghadhom ma gewx approvati izda xorta wahda talbu kopja taghhom. Il-kelliem qal ukoll li huwa ma kellux diffikulta' li jiehu gurament vis-a-vis id-dokumenti li pprovda lill-Pulizija u fil-fatt ir-rapport li ghamel lill-Kunsill kien anke ffirmat minnhu bhala evidenza ta' dak li ghamel. Il-kelliem qal ukoll li l-policy tal-Kunsill kienet li Internal Memos ma jigux iccerkolati qabel il-laqgha tal-Kunsill u fil-fatt wara li huwa kien ikkomunika mas-Sindku Joe Zammit dan ta' l-ahhar kien infurmah li huwa kien ser jinforma b'dan lill-Kunsilliera, liema azzjoni milli jidher ma saritx.

1.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 15/K6/2008 kif ipprezentati.

1.04. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.05. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Lauro Fava vvutaw kontra.

1.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamel uzu mill-casting vote u vvota favur.

1.07. Il-Minuti gew approvati.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 15/K6/2008.

2.01. Peress li ma kienx hemm punti pendenti l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 78/2008** b'rapport tad-dokumenti migbura mill-Pulizija vis-à-vis investigazzjoni li qed jaghmlu dwar ilment li ghamel is-Sur Gafa ta' Gafa Saveways Ltd. **(Ara dokument A), Internal Memo 79/2008** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 15/K6/2008 u 16/K6/2008 **(Ara dokument B) u Internal Memo 80/2008** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 15/K6/2008 u 16/K6/2008 **(Ara dokument C).**

3.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Internal Memos ser jigu ccirkolati wara li jigi awtorizzat li jaghmel dan mis-Sindku Joe Zammit.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-23 ta' Ottubru u l-20 ta' Novembru 2008 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/4916/08/I 21/10/2008 — E-mail minghand Lithuanian AIDS Centre under the Ministry of Health fejn talbu konferma jekk hux ser nippartecipaw fil-konferenza li ser issir f'Vilnius 2009 fuq 'Clinical & Social Research on Aids & Drugs'.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4916/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ma jiehux sehem f'din il-Konferenza.

6.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4929/08/I 22/10/2008 — Ittra minghand il-Kullegg Santa Klara fejn b'riferenza ghat-talba tal-Kunsill ghall-uzu ta' facilitajiet ta' l-iskola Sir Adrian Dingli nformaw lill-Kunsill li sar ftehim gdid bejn il-Ministeru ta' l-Edukzzjoni u l-Kunsill Malti ghall-Isport u kull applikazzjoni ghall-uzu ta' facilitajiet sportivi trid issir lill-Kunsill Malti ghall-Isport.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4929/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/4946/08/I 22/10/2008 — E-mail minghand is-Sur James Davies fejn irringrazzja lis-Sindku ghall-laqgha li saret mieghu nhar l-Erbgha 22 ta' Ottubru dwar sea cadet corps u nforma l-Kunsill li hija x-xewqa taghhom li jippromwovu l-ghaqda taghhom liz-zghazagh tal-lokal biex jekk ikunu nteressati jinghaqdu maghhom.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4946/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-ittri biex nippromwovu din l-idea lill-gemellati taghna ghada ma saritx u anticipa li ser isiru fil-jiem li gejjien.

46/4951/08/I 23/10/2008 — Ittra minghand xi hadd anonimu fejn informaw lill-Kunsill li l-lokal huwa nadif izda n-naha tal-horse riding hemm bzonn li jitnaddaf.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4951/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li filwaqt li l-Kunsill jiehu pjacir b'dawn il-kummenti, il-kelliem qal ukoll li jidher li x-xoghol tal-bypass li kien se jinvolvi ukoll din iz-zona se jdum ma jsir. Ghalhekk il-kelliem talab lill-Kunsilliera biex jahsbu jekk wasalx iz-zmien li din iz-zona titnaddaf sew u jsir parkegg ahjar ghall-qadi tar-residenti taz-zona. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fakkar lill-Kunsilliera li kienet saret 'sketch' mill-Perit tal-Kunsill li bi ftit involviment din iz-zona ma tibqax daqshekk kerha. Wara diskussjoni li saret il-kelliem ippropna li l-Kunsill iqabbad lill-J & K Contractors sabiex iwitti s-sit u jnehhi l-materjal zejjed li hemm sabiex tinghata dehra ahjar ta' l-entratura tal-lokal.

6.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5002/08/I 27/10/2008 — Ittra minghand Kunming Affairs & Overseas Chinese Affairs Office fejn b'riferenza ghall-ittra precedenti li baghat il-Kunsill talbu nibghatu

nformazzjoni fuq il-lokal ta' Pembroke.

6.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5002/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien ha hsieb u ta l-informazzjoni kollha mitluba.

46/5005/08/I 27/10/2008 Ittra minghand Empire Cinema Complex Bugibba fejn informaw lill-Kunsill bl-offerti specjali li qed joffru.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5005/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5007/08/I 27/10/2008 Ittra minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn b'riferenza ghax-xoghol li sar mill-J&K Contractors Ltd. f'Pembroke invoice numru 998-08 informa l-Kunsill li ccertifika x-xoghol u jista' jsir il-hlas ta' €5,253.62.

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5007/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5009/08/I 27/10/2008 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn baghat kopja ta' l-e-mail li rcieva minn Rada Likic minn Sarajevo fejn informat lis-Sindku li wara l-elezzjonijiet lokali lesti li jospitaw is-Sindku u l-mara tieghu gewwa Sarajevo ghas-spejjez tal-Municipalita' ta' Novi Grad.

6.13. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5009/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5015/08/I 27/10/2008 E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn b'riferenza ghall-Urban Improvement Funds informa l-Kunsill li ghamel komunikat mal-MEPA u nfurmawh li m'humiex f'pozizzjoni li jbiddlu xi materjal li hemm fl-agreement sabiex jigu uzati biex isir railing mad-dawra tal-gnien.

6.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5015/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li t-talba tal-Kunsill biex parti mill-fondi jintuzaw halli jsir ir-railings madwar il-gnien skond kif mitlub mill-insurance ma gietx milqugha u ghalhekk ippropona biex immedjatament jibda l-process biex tinhareg talba ghal servizz ta' xoghol fil-Gnien Madre Tereza ta' Kalkutta skond dak il-kuntratt li l-Kunsill iffirma mal-MEPA u dan skond ir-rapport li kien ipprepara l-perit tal-Kunsill. Rigward ir-railing il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li dan ix-xoghol jidher li jista' jsir mill-haddiem tal-IPSL u ghalhekk ippropona li jinxtara l-materjal li hemm bzonn.

6.15. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5021/08/I 28/10/2008 Ittra minghand is-Sur Julian Micallef li joqghod 26, Xarolla Misrah il-Paci, fejn talab lill-Kunsill sabiex tittiehed prekawzjoni mmedjata minhabba li t-tifel tieghu sofra gidma minn far waqt li kien fi Triq ANZAC.

46/5170/08/I 06/11/2008 Ittra minghand id-Dipartiment ghal Sahha Ambjentali fejn informaw lill-Kunsill li waslitilhom l-ittra tal-Kunsill datata 29 ta' Ottubru 2008 dwar impestazzjoni ta' grieden fi Triq ANZAC u nformaw lill-Kunsill li ufficjal mid-Dipartiment ser jinvestigaw il-kaz.

6.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5021/08/I u 46/5170/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-

Kunsilliera. Il-kelliem qal l-immedjatament ittiehdet azzjoni mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u l-istaff tieghu kif ukoll permezz t'ittra l-Kunsill informa lis-Sanita' biex isir 'pest control' fiz-zona.

46/5022/08/I 28/10/2008 Ittra minghand il-kap ta' l-iskola St. Michael fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar il-hin ta' hrug tat-tfal informat lill-Kunsill li fis-1.30pm l-iskola tuza l-erba' bibien differenti sabiex johorgu t-tfal.

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5022/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5023/08/I 28/10/2008 Ittra minghand it-Tour ta' Malta s-Sur John Zammit fejn talbu laqgha mal-Kunsill dwar it-Tour ta' Malta 2009 li ser jigi organizzat bejn il-25 u t-30 ta' Marzu 2009.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5023/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaccetta li ssir din il-laqgha. Il-kelliem ippropona ukoll li l-laqghat kollha ghandhom jibdew isiru wara s-6.30pm sabiex jekk huwa possibbli kull membru tal-Kunsill jattendi. Il-kelliem irrakkomanda ukoll li din il-laqgha ssir nhar it-Tlieta 2 ta' Dicembru 2008.

6.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5038/08/I 29/10/2008 Ittra minghand AME Health & Safety Services Ltd. fejn talbu laqgha mal-Kunsill dwar korsijiet fuq Health & Safety'.

6.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5038/08/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li hija responsabbli mis-sahha pproponiet li l-Kunsill jilqa' it-talba tal-AME biex issir laqgha maghhom fuq dan is-suggett

6.23. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5050/08/I 30/10/2008 Ittra minghand l-Ambaxxata Amerikana fejn informaw lill-Kunsill li jixtiequ jzuru l-Kunsill Lokali kollha bit-tema 'America: On the Move in Malta' kif ukoll informaw lill-Kunsill bl-essay competition u bi democracy video challenge.

6.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5050/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li saret ittra rigward din il-materja minhabba li talbu risposta malajr u biex jinkludu lill-Lokal ta' Pembroke fl-attivitajiet sponsorjati minnaha ta' l-Ambaxxata u biex jiltaqa' maghhom fuq dan is-suggett.

46/5071/08/I 31/10/2008 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn baghat kopja ta' l-e-mail li rcieva mill-ECAD fejn infurmawh li l-offerta tal-Kunsill biex issir il-konferenza ta' l-ECAD f'Malta fis-sena 2010 giet milqugha mill-Bord ta' l-ECAD u jekk l-afffarijiet jipprocedu favur minnaha tal-Prim Ministru nistghu nipprocedu.

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5071/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li l-Kunsill diga rcieva konferma minnaha tal-Gvern Centrali li ser ikun qed jghin fl-organizazzjoni ta' din il-Konferenza u fil-fatt diga kkonferma li l-'welcome reception' ser issir mill-Gvern

Centrali u fuq dan ktibna ukoll lis-Segretarju Parlamentari tas-Sahha. Il-kelliem qal l'intant is-Sindku Joe Zammit kien infurmah li ser issir laqgha ma' FTZ kif ukoll ma' MEUSAC biex il-Kunsill jara kif ser jingiebu fondi mill-EU biex din il-Konferenza, li originat meta huwa u s-Sindku Joe Zammit, kien imbuttaw din l-idea fil-Konferenza tal-ECAD li kienet saret f'Cipru, tirnexxi.

46/5078/08/I 31/10/2008 46/5346/08/I 13/11/2008 — E-mail minghand l-iskola Sir Adrian Dingli fejn informaw lill-Kunsill li f'isem l-iskola jixtiequ jkomplu bil-programm ta' l-EKOSKOLA li bdew is-sena l-ohra u qed jistaqsu jekk il-Kunsill jistax jisponsorjhom biex ikomplu jwettqu l-programm fejn talbu l-Kunsill ihallas il-membership ta' eko-skola ta' €12 u jekk jista' sabiex jinxtraw numbru ta' bins ghall-iskart tal-plastik u l-karti ghat-tuck shop ta' l-iskola.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5078/08/I u 46/5346/08/I** il-Kunsillier Joe Brincat li huwa responsabbli mill-ambjent ippropona li l-Kunsill jappoggja dan il-gest minn dawn it-tfal favur l-ambjent u li ghalhekk jaghti donazzjoni ta' € 50 favur hidma lejn ambjent ahjar. Il-kelliem qal li b'dawn il-flus ser jinxtara ukoll bin li jkollu l-istemma tal-Kunsill ta' Pembroke fuqu.

6.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5094/08/I 03/11/2008 — Rapport minghand l-Ghassa tal-Pulizija San Giljan dwar vandalizmu li sehh fuq diversi tabelli f'Pembroke minn grupp ta' zghazagh.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5094/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.31. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija ma kienetx infurmata b'dan il-kaz u saret taf minghand terzi persuni b'dak li gara.

6.32. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li meta gara l-kaz huwa kien frank.

6.33. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ma jistax jifhem kif il-Kunsill wasal biex accetta li l-Kunsill ikun rimburzat ghal 3 tabelli biss u mhux ghall-hsara kollha li saret. Il-kelliem qal li diskussjoni fuq dan ghandha ssir fil-laqgha li jmiss fil-prezenza tas-Sindku Joe Zammit.

46/5101/08/I 03/11/2008 — E-mail minghand l-Ing. Reuben Mifsud li joqghod fi Trejqet il-Beatu Dun Gorg Preca fejn irringrazzja lill-Kunsill ta' l-ittri li nibghatu sabiex inzommu lir-residenti nfurmati u baghat lista ta' affarijiet pendenti li hemm f'Sit D fejn talab lill-Kunsill jiehu nota taghhom.

6.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5101/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li din l-ittra ghandha tigi diskussa fil-laqgha li jmiss fil-prezenza tas-Sindku Joe Zammit.

46/5115/08/I 03/11/2008 — E-mail minghand il-Kumpanija Novitas fejn ikkonfermaw lill-Kunsill li ser jipprovdu nurse sabiex jaghti t-tilqima ta' kontra l-influwenza nhar l-Erbgha 12 u l-Gimgha 14 ta' Novembru 2008 bejn is-6.00pm u t-8.30pm.

6.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5115/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li dan is-servizz sar 3 sieghat kulljum fejn kemm huwa, is-Sindku Joe Zammit kif ukoll il-Kunsillier Joe Brincat akkumpanjaw lin-nurse biex fejn kien hemm bzonn sar tilqim fid-djar lil xi anzjani u lil dawk li ma setghux johorgu mid-djar.

46/5116/08/I
03/11/2008

E-mail minghand Premier Pest Control fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar process ta' kontroll ta' grieden fil-bajja ta' Pembroke matul l-istagun tas-Sajf talab sabiex issir laqgha mal-Kunsill u talab ninfurmawh b'data u hin.

6.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5116/08/I** il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mar-rapprezentant ta' din il-kumpanija.

6.37. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li din il-laqgha ghandha ssir wara 6.30 pm.

6.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5119/08/I
04/11/2008

Ittra minghand is-Sinjura Juliana Calleja Kudde li toqghod 2, Kudde, Triq Adeodata Pisani fejn b'riferenza ghad-double yellow lines li saru quddiem id-dar taghha talbet biex jitnehha line minnhom sabiex tkun tista' thalli l-karozza pparkjata quddiem il-bieb meta jkollha bzonn tiehu t-tfal taghha l-isptar minhabba li jbatu minn sitwazzjoni medika.

6.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5119/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li din is-sinjura ser tressaq ukoll il-kaz taghha quddiem l-ADT ghall-attenzjoni. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li minnaha tal-Kunsill hemm parti zghira li tista' issir single line u ppropona li jekk ma tkunx ta' detriment ghal hadd u tkun approvata mill-ADT it-talba tas-sinjura, il-Kunsill ghandu jaccetta din it-talba.

6.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5125/08/I
04/11/2008

E-mail minghand is-Sur Pierre Borg minn On D Road fejn informaw lill-Kunsill li nhar il-Hadd 14 ta' Dicembru ser jorganizzaw charity ride bhala ghajnuna lil SOS Animals u talbu l-permess tal-Kunsill biex juzaw l-Ex Parade Ground sabiex jiltaqa' l-grupp li ser jiehu sehem bejn it-8.30am u l-10.00am u nformaw lill-Kunsill li ghandhom bzonn xi tip ta' barriers sabiex jitpoggew fl-entratura u fl-ahhar stiednu l-Kunsill ikun prezenti.

6.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5125/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba kif ukoll li l-organizzatur jintalab li jzomm il-post nadif apparti li jekk huwa possibbli l-Kunsill ghandu jisilfu l-barriers li ghandu l-Kunsill bil-kundizzjoni li dawn jingiebu lura.

6.43. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5139/08/I
05/11/2008

Ittra minghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma fejn informaw lill-Kunsill li jekk il-Kunsill ma jhallasx is-somma ta' €4,359.81 fi zmien hmistax il-gurnata minn meta waslet l-ittra ser jirreferu l-kaz taghna lill-avukat sabiex jittiehdu passi legali biex isir il-hlas.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5139/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li s-Sindku Joe Zammit kien infurmah li mill-ewwel kien ghamel kuntatt mal-President ta' l-AKL is-Sur Michael Cohen kif ukoll ma' l-Onor. Segretarju Parlamentari Chris Said fejn fuq talba taghhom il-Kunsill baghat kopja ta' kull korrispondenza rigward dan il-kaz. Il-kelliem qal li s-Sindku Joe Zammit kien gie

mitlub sabiex iressaq din il-materja bhala mistoqsija fil-laqgha tas-Sindki u Vici Sindki li jmiss.

6.46. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrakkomanda li jekk kemm il-darba dan id-dawl gie kkunsmat il-Kunsill kellu jhallas ghal dan il-kont u dan fid-dawl ukoll tad-diskussjoni li saret fil-laqgha li ghaddiet li kemm il-darba jkun hemm problema li minhabba dan il-kont tinqata' l-provvista tad-dawl tal-persuna li jkun iffirma l-applikazzjoni tal-meter, il-Kunsill xorta wahda kien ser ihallas dan il-kont.

6.47. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kemm il-darba l-Kunsill jaccetta li jhallas dan il-kont dan ser ikun ta' precedent fuq siti ohra li ghandhom dawl fiz-zoni tal-komun fosthom Sit A u eventwalment Sit F.

6.48. Wara diskussjoni li saret il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha ma' l-Avukat tal-Kunsill dwar dan.

6.49. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5150/08/I 05/11/2008 E-mail minghand is-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fejn baghat lista ta' inizjattivi li thabbru fil-budget li jolqtu direttament lill-Kunsilli Lokali.

6.51. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5150/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5169/08/I 06/11/2008 Ack minghand l-Ufficcju tal-Prim Ministru fejn informaw lill-Kunsill li waslitilhom l-ittra tal-Kunsill datata 14 ta' Ottubru 2008 indirizzata lis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Dr. Chris Said dwar fondi ghal dawl tat-toroq.

6.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5169/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5173/08/I 06/11/2008 Kopja ta' l-e-mail li s-Sindku Joe Zammit ircieva minn Rada Lukic (Vici Sindku) minn Sarajevo fejn infurmawh li l-ahhar gimgha ta' Novembru huwa zmien tajjeb biex issir iz-zjara u nformawh ukoll li l-eqreb airport ghal Sarajevo huwa via Vienna jew Munich u talbu konferma kemm jista' jknu malajr sabiex ikunu jistghu jibbukjaw il-lukanda.

6.53. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5173/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.54. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ikkummentaw li jekk is-Sindku Joe Zammit xorta wahda ser izur dan il-post ma jarawx ghala m'ghandux jiehu l-onorarja sabiex l-istess ammont jithallas bhala parti mill-biljett ta' l-ajru izda ghandu jiehu l-onorarja normali u jkun huwa li jhallas ghall-biljett ta' l-ajru.

6.55. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li dan is-suggett ghandu jerga' jigi diskuss fil-prezenza tas-Sindku Joe Zammit fil-laqgha li jmiss.

46/5174/08/I 06/11/2008 Kopja ta' l-e-mail li s-Sindku Joe Zammit ircieva mill-ECAD fejn baghtu lista t'affarijiet li jridu jsiru jekk issir il-koferenza ta' l-ECAD f'Malta fis-sena 2010.

6.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5174/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li b'riferenza ghal dak diga gie diskuss aktar kmieni fil-laqgha taht korrispondenza 5071, is-Sindku Joe Zammit kien infurmah li mill-lista provduta

jidher li mhux daqstant difficli l'issir ghax bhal ma jsir is-soltu kull delegat ihallas kollox huwa. Il-kelliem qal li naturalment hemm l-element ta' min jorganizza biex jaghti merhba xierqa lil kull min jattendi halli jhalli impatt pozittiv ta' Malta.

6.57. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s-Sindku Joe Zammit kien infurmah li l-lista ta' bzonnijiet ser tkun qed tigi diskussa ma' l-FTZ, l-MEUSEC, l-MTA u sponsors ohra biex din l-attivita' tirnexxi. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li fil-fatt ghada l-Gimgha s-Sindku Joe Zammit ser ikollu laqgha fit-8.00 am ma' l-FTZ dwar dan.

6.58. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill kollu ghandu jiltaqa' ma' l-FTZ dwar din il-konferenza, li l-laqgha ghandha ssir wara s-6.30 pm kif ukoll li s-Sindku Joe Zammit ghandu jigi mitlub jinforma lill-ECAD li korrispondenza simili ghandha tintbaghat direttament lill-Kunsill u mhux fuq l-e-mail personali tieghu.

6.59. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li din il-konferenza ghandha tigi diskussa f'aktar dettal f'laqgha ohra wara li tkun item fuq l-agenda.

6.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5180/08/I 06/11/2008 — E-mail minghand il-Melita Football Club is-Sur Robert Balani fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill informa l-Kunsill li huma nteressati li jwahhlu xi tabelli li jwasslu sal-klabb.

6.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5180/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li jidher li kienu dawn biss li wiegbu ghall-ittra tal-Kunsill. Il-kelliem qal ukoll li matul il-jiem li gejjien kemm huwa kif ukoll is-Sindku Joe Zammit ser jisthargu l-ahjar mod kif il-Kunsill ghandu jimxi fuq dak li diga kien hemm qbil fuqu.

46/5190/08/I 07/11/2008 — Ittra minghand id-Direttorat tal-Bini u Tiswija ta' Djar fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 6 ta' Ottubru 2008 dwar Blokk 1, San Patrizju fejn infurmajnihom l-iggarfet parti mill-gwarnica tat-tieqa tal-komun tal-blokk, informaw lill-Kunsill li x-xoghol gie approvat u ghandu jsir fil-futur immedjat.

6.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5190/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li s-Sur Edward Bond kien cempel u rringrazzja l-Kunsill ghax ix-xoghol kien tlesta nhar is-Sibt 15 ta' Novembru 2008.

46/5204/08/I 07/11/2008 — E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill bis-suggeriment li rcievew mis-Sur Reno Muscat li joqghod 20, Triq Gio Felice Inglott fejn talab biex jitnehhew s-sigar tal-laring minhabba li jbghatu minn hafna allergiji.

6.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5204/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li sa fejn jaf huwa fis-snin kemm ilu jmexxi l-Kunsill ma thawwlu l-ebda sigar tal-laring mill-Kunsill u ghalhekk jekk hemm minn dawn is-sigar fil-propjetajiet privati tal-madwar, il-Kunsill ma ghandu l-ebda gurisdizzjoni fuq il-kwistjoni.

46/5206/08/I 07/11/2008 — E-mail minghand il-Fondazzjoni Temi Zammit is-Sinjura Maria Carla Ciscaldi fejn informaw lill-Kunsill bil-progett bl-isem 'Eureka' li jitratta fuq water & soil management u nformaw lill-Kunsill li jekk inridu tista' ssir laqgha sabiex tispjega ahjar il-progett.

6.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5206/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li s-Sindku Joe Zammit kien infurmah li din il-korrispondenza kienet intbaghtet lill-Kunsill bi zball, ghalkemm l-impjant tar-Reverse Osmosis jinstab fil-lokalita' ta' Pembroke kien biss minhabba f'hekk li giet involuta' l-lokalita' biex b'hekk ikun qed isir reklam tal-lokal. Il-kelliem qal l'intant il-grupp ser ikun qed izur l-impjant nhar il-gimgha filghodu u ser ikun is-Sindku Joe Zammit li ser idawwarhom madwar l-impjant kif ukoll jaghmel lecture fuq l-impatt ta' l-impjant tar-Reverse Osmosis fil-qasam ta' l-ambjent u l-ilma.

46/5265/08/I 10/11/2008 E-mail minghand is-Sur Charles F. Grech fejn baghat kjarifika tar-rati ghall-kwotazzjoni 08/08 - Servizz ta' Masgar.

6.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5265/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5266/08/I 10/11/2008 E-mail minghand D-Consulta Ltd. fejn informaw lill-Kunsill bis-sejha ghall-fondi taht l-iskema Europe for Citizens (EFC).

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5266/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li s-Sindku Joe Zammit kien infurmah li din il-proposta ser tkun qed tigi diskussa ma' l-FTZ fil-laqgha li talab specifikament ghall-attivitajiet li hemm mahsuba ghas-sena li gejja f'gheluq il-25 sena bhala lokal kif ukoll ghall-konferenza tal-ECAD fl-2010, jekk Alla jrid.

46/5305/08/O 11/11/2008 Ittra li baghtna lis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Dr. Chris Said fejn baghtna kopja ta' l-ittra li rcieva l-Kunsill minghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma dwar sospenzjoni ghas-servizz tad-dawl ta' Sit B.

6.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5305/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5308/08/I 12/11/2008 Kopja ta' l-ittra li t-Taqsima ghall-Immanigjar tat-Traffiku baghtu lis-Sinjura Lea Tabone li toqghod 10, Triq il-Kurunell Cocks fejn infurmawha li l-applikazzjoni ghal reserved parking bay intlaqghet mill-Awtorita' u nghatat permess ghall-perjodu ta' sena.

6.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5308/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jaghmel il-kaxxa s-safra kif approvata mill-ADT u dan skond ir-regolamenti u skond il-post fejn approvat mill-ADT.

6.69. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5311/08/I 12/11/2008 Ritratt mahrug mid-DOI fl-okkazjoni tal-laqgha li saret nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru dwar il-programm ufficjali ta' l-attivitajiet li ser isiru bejn it-3 u 7 ta' Dicembru 2008 biex jikkommemoraw 15-il anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5311/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5315/08/I 12/11/2008 E-mail minghand t-Taqsima ghall-Immanigjar tat-Traffiku l-Perit A. Testaferrata fejn b'riferenza ghat-talba tal-Kunsill sabiex Triq Gioacchino Le Brun issir One Way, infurmat lill-Kunsill li minhabba li l-proposta

taghmel parti mill-progett tal-Park & Ride ikkunsidrat li jkun aktar adattat li din it-talba tigi diskussa mal-progett.

6.72. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5315/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jerga' jikteb ghall-informazzjoni f'hiex wasal il-progett ta' park and ride fl-Ex-Parade Ground.

6.73. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li d-Direttorat Immanigjar tat-Traffiku ghandu jerga' jigi mitlub il-permess sabiex issir din il-One Way kif ukoll li jigu nfurmati li din l-iskema ghandha terga' tigi kkunsidrata ladarba jkun hemm id-diskussjonijiet dwar il-progett tal-Park & Ride.

6.74. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.75. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5323/08/I 12/11/2008 E-mail minghand il-BOV Branch Manager is-Sur Manuel Dalli fejn informa l-Kunsill li l-prezentazzjoni tal-kotba ghall-librerija u d-donazzjoni ta' sigar qed jissuggerixxi li ssir nhar it-Tlieta 2 ta' Dicembru filghodu.

6.76. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5323/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.77. Wara diskussjoni li kien hemm gie maqbul li jekk fiz-zona ndikata fejn ser jithawwlu dawn is-sigar hemm xi pjanti li ghandhom jitnehhew, ghandu jsir komunikat ma min hawwel dawn il-pjanti, u dawn ghandhom jitnehhew mill-kuntrattur tal-Kunsill.

46/5327/08/I 12/11/2008 E-mail minghand is-Sur Mark Mizzi mill-Ufficcju tas-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Dr. Chris Said fejn baghat programm ta' l-attivitajiet li ser jigu organizzati fl-okkazjoni tal-15-il anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali kif ukoll ghat-talba tal-Kunsill biex isir press coverage ta' l-attivta' li ser norganizzaw fit-2 ta' Dicembru 2008 fejn il-BOV ser jaghtu donazzjoni ta' kotba ghall-librerija kif ukoll numru ta' sigar sabiex jithawwlu fil-lokal u tlabna biex din l-attivita' tkun parti mill-attivitajiet tal-15-il sena mit-twaqqif tal-Kunsilli.

6.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5327/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li din l-attivita', specjalment dik tal-Hadd hija mportanti hafna ghalihom lkoll Kunsilliera eletti ta' Malta u Ghawdex. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal ukoll li s-Sindku Joe Zammit kien infurmah li fil-laqgha kien ressaq proposta biex tkun diskussa mill-kumitat organizattiv biex il-partners tal-Kunsilliera kollha eletti jkunu jistghu jattendu. Il-kelliem qal li jidher li minhabba n-numru kbir ta' Kunsilliera mhux possibbli li jkunu mistiedna ukoll il-partners u ghalhekk it-talba tieghu ma kienetx milqugha.

46/5337/08/I 13/11/2008 Ittra minghand id-Dipartiment ghal Sahha Ambjentali fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward ilma li johrog mill-katusi ta' taht il-bankina tat-toroq Beatu Dun Gorg Preca, Kurunell Cocks u Salvatore Castaldi informaw lill-Kunsill li minn investigazzjonijiet li saru minn ufficjal tas-Sanita', irrizulta li ma gie nnotat ebda irregolarita' fil-katusi.

6.79. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5337/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li ma jistax jifhem kif l-investigazzjoni issir fil-jiem li ghamlet hafna xita u

mhux matul il-jiem shan tas-Sajf meta dejjem kien jidher l-ilma. Intant ippropona biex barra milli jigi nfurmat id-dipartiment b'dan, kopja ta' din l-ittra ghandha tintbaghat lill-erba' residenti li jbatu minn dan l-ilma dejjem hiereg kif ukoll li l-Kunsill jitlob laqgha ma' tas-Sanita'.

6.80. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.81. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5339/08/I 13/11/2008 E-mail minghand is-Sur Joseph Azzopardi mill-Plant Quarantine fejn baghat informazzjoni siewja fuq il-palm bhala prevenzjoni ghal bumunqar l-ahmar.

46/5441/08/I 20/11/2008 Kwotazzjoni minghand Shawn Farrugia ghall-qlugh u trasport ta' 4 palmiet li huma nfettati bil-bumunqar ghall-prezz ta' € 1,400.00.

6.82. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5339/08/I u 46/5441/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jaccetta din il-kwotazzjoni sa massimu ta' €1,120 bhala direct order kif ukoll li tingabar kwotazzjoni ohra sabiex tinhareg direct order ohra halli jitnehhew il-hames palmiet morda li hawn fil-lokal. Il-kelliem ippropna li ladarba l-Kunsill jircievi t-tieni kwotazzjoni, ghandhom jigu nfurmati l-membri tal-Kunsill sabiex is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ikun awtorizzat jordna x-xoghol li hemm bzonn isir. Apparti minn dan il-kelliem qal li l-kuntrattur ghandu jigi mfakkar sabiex ikompli l-process ta' l-insetticida.

6.83. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.84. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5342/08/I 13/11/2008 E-mail minghand l-AKL fejn baghtu kopja tal-programm t'attivitajiet li qed jigu organizzati sabiex jigi mfakkar il-15 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali.

6.85. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5342/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5343/08/I 13/11/2008 46/5093/08/I 03/11/2008 E-mail minghand Subculture Animal Friends fejn talbu sponsor ta' € 116.00 minghand il-Kunsill sabiex jitqassam b'xejn dvd u booklet lit-tfal tal-Year 3 fuq 'animal awareness'.

6.86. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5343/08/I u 46/5093/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.87. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li din l-ghaqda ghandha tigi nfurmata li minhabba li l-Kunsill m'ghandux fondi allokati ghal din is-sena, it-talba taghhom ma tistax tigi milqugha.

6.88. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.89. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5345/08/I 13/11/2008 Kwotazzjoni riveduta minghand Golden Gate ghall-istampar ta' kartolini bil-kulur ghall-prezz ta' € 362.25.

6.90. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5345/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni kif emendata, li jintghazlu t-tpingijiet ta' Aldo Minuti u Phillip Engelbert li jattendu l-iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo kif

ukoll li dawn iz-zewgt itfal jinghataw rigal ta’ tifkira li jikkonsisti minn biljett ghall-attivita’ tal-Milied ghat-tfal kif ukoll ritratt ta’ l-arlogg ta’ Pembroke fi frame.

6.91. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.92. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5349/08/I 14/11/2008 Kwotazzjoni minghand is-Sur Charles Francis Grech numru 08/2008 ghal servizz ta' masgar.

6.93. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5349/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.94. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li decizjoni dwar din il-kwotazzjoni ghandha tittiehed meta jkun hemm il-bzonn.

6.95. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.96. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5374/08/I 14/11/2008 E-mail minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn informaw lill-Kunsill bl-iskema ta' tnaqqis fl-ispejjez ghall-konsum ta' l-elettriku lil dawk l-organizazzjonijiet li jzejnu t-toroq b’dwal dekorattiv ghall-Milied.

6.97. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5374/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li l-Kunsill johrog direct order, sabiex jekk huwa possibbli isir tizjin ghall-Milied madwar il-Kunsill u faccata tal-Knisja kif ukoll li l-Kunsill jitlob lill-Pembroke Hardware Store sabiex jipprovdi stima sabiex isir fustun tul Triq Normandy li jkun water proof inkluz stima ghall-installazzjoni tieghu. Il-kelliem qal li ghat-tizjien tal-Milied, il-kuntrattur li jitqabbad ghandu japplika ghall-arlogg tad-dawl mal-Korporazzjoni Enemalta.

6.98. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.99. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5377/08/I 14/11/2008 E-mail minghand l-AKL fejn informaw lill-Kunsill li l-laqgha ghas-Sindki u l-Vici Sindki ser issir fil-5 u 6 ta' Dicembru 2008 gewwa l-lukanda New Dolmen f'Bugibba u baghtu formola ta' registrazzjoni ghall-akkomodazzjoni.

6.100. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5377/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5378/08/I 14/11/2008 E-mail minghand il-Kunsill Lokali Kirkop fejn informa lill-Kunsilli li ghadhom qed jigbru ghall-ispejjez li nefqu biex sar l-appell fil-Qorti.

6.101. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5378/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li ma jhossx li l-Kunsill ghandu jippartecipa.

6.102. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li jidher li l-Kunsill Lokali Kirkop hadu parir legali hazin.

46/5383/08/I 14/11/2008 Kopja ta' l-e-mail li l-Perit Anton Camilleri mid-Direttorat tal-Bini u Tiswija ta’ Djar baghat lis-Sur Conrad Casha fejn talbu jibghatlu kopja tad-dokument ghall-installazzjoni ta’ dawl f’Sit F permezz ta' l-e-mail.

6.103. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5383/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-

kelliem qal li fil-fatt kif kien qal aktar qabel dan kien parti mill-ftehim mad-dipartiment qabel ma' l-Kunsill johrog it-tender u eventwalment id-dipartiment jirrifondi l-flus lill-Kunsill.

46/5391/08/I 17/11/2008 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab biex isir komunikat ma' Scout Association sabiex persuna mill-iscouts igorr il-bandiera tal-lokal fil-parata li ser issir fl-okkazjoni tal-15- il sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

6.104. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5391/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem irrefera ukoll ghall-korrispondenza 46/5342/08/I diskussa aktar kmieni fejn qal li s-Sindku Joe Zammit kien infurmah li fuq xewqa generali mis-Sindki prezenti, kull Kunsill xtaq li jkollu scout mir-rahal tieghu li jgorr il-bandiera tal-lokal u ghaldaqstant dawk li ma ghandhomx scouts ser ikunu qed jikkomunikaw ix-xewqa taghhom lil Scout Association Malta biex tipprovdi wiehed. Il-kelliem ippropona li fil-kaz ta' Pembroke ikun xieraq li niktbu lil Pembroke Scouts halli jinghata dan is-servizz minn tifel jew tifla minn Pembroke.

6.105. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.106. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5397/08/I 17/11/2008 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn baghat il-Minuti tal-laqgha li saret ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke li saret nhar it-Tnejn 3 ta' Novembru 2008.

6.107. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5397/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal kien ser jikkomunika mas-Sindku Joe Zammit dwar il-proposta ta' l-istess ghaqda li ghandu jkun il-Kunsillier reponsabbli mill-anzjani li jkun il-President onorarju ta' l-ghaqda u mhux min ikun Sindku. Il-kelliem fakkar li kien huwa li huwa responsabbli mid-dikasteru ta' l-anzjani.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ma kellux kummenti.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Rigward l-attivita' ghat-tfal li ser issir nhar il-Hadd 21 ta' Dicembru, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li Eden Cinema kienu nfurmawh bil-prezzijiet tac-cinema.

8.02. Wara diskussjoni li saret il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-prezzijiet ghandhom ikunu ta' Adulti - € 10.00 u Tfal € 6.00 kif ukoll li l-film ghandu jkun The Tale of Despereaux.

8.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument D)**

9.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif pprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg.

9.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-kontijiet kollha gew approvati unanimament ghajr il-kont tas-Sur Shawn Farrugia fejn il-Kunsillier Lauro Fava astjena filwaqt li l-membri l-ohra vvutaw favur.

9.05. Il-kontijiet gew approvati.

## 10. Materji ohra.

10.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-hinijiet tat-timers tad-dawl kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-gonna u Sit B San Gorg ghandhom ikunu li jixghelu fil-5.30 pm u jintfew l-ghada fis-6.00 am.

10.02. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jinxtraw 50 lapel pin, 25 scarf pins u 25 scarf pin f'kaxxi prezentabbli sabiex jintuzaw mill-Kunsill.

10.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.07. Il-Kunsillier Lauro Fava talab li tinkiteb ittra lill-MLP sabiex isir tindif madwar il-bini ta' l-Ex Australia Hall kif ukoll li jekk jista' jkun sal-laqgha li jmiss il-Kunsill ikollu l-istima vis-a-vis il-bankina ta' Triq Mikiel Ang Grima.

10.08. Fil-11.30 pm il-Kunsillier Lauro Fava talab li jigi skuzat u halla l-kamra.

10.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa l-Kunsill li wara konsultazzjoni mas-Sindku l-iskrivana Alison Micallef gabret xi kwotazzjonjiet minghand diversi hwienet sabiex ikunu jistghu jinxtraw l-uniformijiet ta' l-iskrivani. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-prezzijiet gew irhas minn tal-kumpaniji li jissuplixxu l-uniformijiet. Il-kelliem informa l-Kunsill ukoll li kemm il-darba l-uniformijiet jinxtraw minn hwienet normali dan ikun prattikament impossibbli li hu u l-iskrivani ikollhom l-istess tip ta' uniformi. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill ukoll li flimkien ma' l-iskrivana Alison Micallef kienu diga zaru ukoll tlett kumpaniji l'izda l-hwejjeg taghhom apparti li l-prezz huwa gholi l-istil taghhom ma xeraqx lill-istaff.

10.10. Il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat ipproponiet li hija flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u jekk jixtieq il-Kunsillier Joe Brincat imorru jaraw l-uniformijiet tal-kumpanija Eagle K-Wear.

10.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.13. Il-laqgha ntemmet fil-11.40pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar il-Hamis 4 ta' Dicembru 2008 fis-7.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Joe Zammit | Alfred Mazzitelli | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Vici Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |